**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Dennis Laferla (KI 710145M) bhala president u segretarju in rapprezentanza tal-football club Valletta Stars St Dominics AFC**

**Vs**

**Timothy Joseph Forace (KI 256085M)**

**Rikors nru 2/17**

Illum 15 ta' Settembru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Dennis Laferla (KI 710145M) bhala president u segretarju in rapprezentanza tal-football club Valletta Stars St. Dominics AFC li jaqra hekk:

1. Illi l-konvenut kien ha b'titolu ta' kera l-kazin maghruf bhala Valletta Stars St Dominics AFC, liema kazin jinstab bin-numru 28E, Triq San Duminku, Valletta u dan skont kuntratt ta' kera datata 21 ta' Lulju 2015 debitament iffirmata u accettata mill-istess konvenut (kopja tal-kuntratt huwa anness u immarkat Dok A);

2. Illi l-konvenut ma ottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet hemm indikati fil-kuntratt hawn fuq imsemmi;

3. Illi l-konvenut naqas milli jhallas is-somma ta' elf erba' mija u erbghin ewro (€1440) rapprezentanti ammont ta' kirja ghall-fond hawn fuq imsemmi u ghaz-zamma tal-kazin, Valletta Stars' St Dominics AFC, u dan skont il-kuntratt hawn fuq imsemmi.

4. Illi oltre din is-somma hawn fuq imsemmija, il-konvenut naqas milli jhallas lir-rikorrenti somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) rapprezentanti pagament ghaz-zamma tal-'Bar' ta' dan l-istess kazin matul il-festa ta' San Duminku tas-sena elfejn u hmistax (2015), stante ix-xoljiment tal-kuntratt ta' kiri bejn il-kerrej precedenti Anthony Grixti u l-kirjant u dan skont l—iskrittura iffirmata mill-konventu u Josef laferal (KI 41787M) in rapprezentanza tal-klub (kopja ta' din l-iskritturja hawn annessa u mmarkata Dok B).

5. Illi ghalhekk is-somma komplessiva dovuta lir-rikorrenti tammonta ghal tlett elef mitejn u erbghin ewro (€3,240) liema dejn/somma tinqasam b'dan il-mod segwenti: kwantu s-sommma ta' €1440 bhala arretrati ta' kera' ta' tmien (8) xhur, u kwantu is-somma ta' €1,800 dovuta ghaz-zmamma tal-bar tal-kazin matul il-festa tas-sena elfejn u hmistax kif hawn fuq imsemm u skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok B.

6. Illi l-konvenut jaf b'dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas l-atturi s-somma komplessiva ta' tlett elef mitejn u erbghin ewro (€3,240).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma favur ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra bonarja datata 18 ta' Novembru 2015 u bl-imghaxijiet mid-data meta kellhom jithallsu sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur izda huwa la pprezenta risposta u wisq anqas ma deher waqt dawn il-proceduri. Nonostante li anke inghata l-opportunita' li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet huwa naqas li jaghmel dan.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti.

Ikkunsidra:

Permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti in rapprezentanza tal-football club Valletta Stars St Dominics AFC qieghed jitlob li l-intimat jigi kkundannat jhallas l-ammont ta' €1,440 rapprezentanti ammont ta' kera ghall-kirja tal-Bar tal-kazin, u l-ammont ta' €1,800 rapprezentanti pagament ghaz-zamma tal-Bar kif miftiehem.

Mill-provi jirrizulta li l-intimat iffirma skrittura fil-21 ta' Lulju 2015 li permezz taghha huwa ha f'idejh iz-zamma tal-bar, kif ukoll li jmexxi bhala segretarju tal-kazin mill-21 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Awwissu 2016[1]. L-intimat iffirma wkoll skrittura ohra[2] li fiha hemm referenza ghall-iskrittra diga' precedentement iffirmata. F'din it-tieni skrittura l-intimat iddikjara li kien se jghaddi l-ammont ta' €1,800 bhala pagament ghaz-zamma tal-Bar matul il-festa tas-sena 2015 stante x-xoljiment tal-kuntratt ta' kiri bejn il-kerrej precedent Anthony Grixti u l-kirjant. L-intimat ukoll iddikjara li kien se jhallas l-ammont ta' €180 fix-xahar. Dwar dawn l-iskritturi xehed bil-gurament tieghu Dr Josef Laferla li huwa l-vici-president tal-kazin u kien involut direttament.

[1] Dok A.
[2] Dok B

Dennis Laferla xehed[3] li huwa l-president tal-klabb inkwistjoni u l-intimat kien is-segretarju. Spjega li l-intimat iffirma skrittura biex imexxi l-Bar minn Lulju 2015 sa sena wara u fl-istess hin imexxi bhala segretarju tal-klabb. Wara li ghaddiet il-festa lejn l-ahhar ta' Lulju 2015 l-intimat ma deherx aktar. Talbuh il-kera kontinwament u nonostante hafna weghdiet li l-klabb kien se jithallas ebda hlas ma sar. Apparti l-flus tal-kera qeghdin jitolbu wkoll l-ammont l-iehor miftiehem skont l-iskrittura. Din ix-xhieda giet ukoll ikkonfermata u kkoroborata minn Dr Josef Laferla.

Abbazi ta' dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta li gie ppruvat li l-ammont mitlub huwa kollu dovut mill-intimat stante li ma onorax il-ftehim li ffirma ghalih.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

1. Jiddeciedi u jiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti nomine s-somma komplessiva ta' tlett elef mitejn u erbghin ewro (€3,240).

2. Jikkundanna lill-intimat ihallas l-istess somma favur ir-rikorrenti.

L-ispejjez kif mitluba u bl-imghax a karigu tal-istess intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

[3] Seduta tas-27 ta' April 2017

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**